Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,870, 31 ta' Lulju, 1981

Taqsima B

A.L. 87 ta' l-1981

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA TAL-PORT (ORDINANZA NRU. XIV TA' L-1962)

Regolamenti ta' l-1981 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port (Emenda Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar il-Ħaddiema tal-Port, il-Ministru ta' l-Iżvilupp, Enerġija, Port u Telekomunikazzjonijiet, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

A.L. 45 ta' l-1966

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1981 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħaddiema tal-Port (Emenda Nru. 3), u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħāġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Ħaddiema tal-Port, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu mill-1 ta' Awissu, 1981.

Jemenda l-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fl-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minflok il-figuri "17c5" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu f'kull każ il-figuri "25c".